**– TALBA PRINCIPALI DWAR HSARAT MINHABBA XOGHOL MHUX SKOND IS-SENGHA U L-ARTI –**
**– KONTRO-TALBA GHALL-HLAS TA' XOGHOL IMWETTAQ –**
**– PRINCIPJI LI JIRREGOLAW IL-KUNTRATT TA' APPALT –**
**– GHALKEMM IDEALI, M'HEMMX HTIEGA TA' L-ISKRITT FL-APPALT –**
**– KWALITÀ TAX-XOGHOL U DILIGENZA MEHTIEGA MILL-APPALTATUR –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **470/2018**

**SAMUEL U MARTHA ANN SPITERI**
[K.I. NRU. 423084M U 535684M B'MOD RISPETTIV]

***VERSUS***

**STEPHEN SIMIANA U PAUL MIFSUD**
[K.I. NRU. 159469M U 331068M B'MOD RISPETTIV]

B'Avviz tat-Talba introdott fit-27 ta' Settembru, 2018, l-atturi talbu li konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elfejn u wiehed u erbghin ewro (€2,041.00c) u dan wara li ppremettew hekk:

> Qabbadna lill-konvenut biex jibdlilna zewg kmamar tal-banju. Beda jitwahhal il-madum u x-xoghol mill-ewwel ma kienx tajjeb. Fil-fatt baghtna ritratti u 'videos' (10 ta' Lulju) lill-haddiema biex nuru x-xoghol hazin. Kien hemm hafna mill-fili mhux dritti, il-madum mhux invell kif ukoll madum mhux mimli sew minn wara. Talbniehom bil-kalma biex 'l ghada jahdmu ahjar. 'L ghada ergajna morna naraw ix-xoghol u dan mhux talli ma kienx ahjar imma kien aghar, kif jixhdu r-ritrati. Kellna nitolbu l-haddiema jieqfu mix-xoghol. B'diffikulta kbira irnexxielna nsibu haddiema biex jahdmulna fi zmien qasir. Kellhom jaqilghu il-madum kollu u ippruvaw isalvaw kemm jistghu, imma kien hemm madum li ma setax jerga jintuza minhabba l-mod kif kien maqtugh (ritratti). Allura kellna nixtru madum gdid li jaqbel u kellu jkun in stock ghax il-haddiema l-godda riedu jlesu malajr (ghax deffsuna) u anke ahna ma stajniex nistennew minhabba li konna qed nghidu ghand omm Martha. Qed nitolbu kumpens ghall-madum il-gdid u l-ispejjez zejda biex ergajna qlajna l-madum.

Il-konvenuti ressqu Risposta b'Kontro-Talba fl-24 ta' Ottubru, 2018 (*a fol*. 17) fejn eccepew hekk:

> Illi t-talba kif avvanzata fil-konfront ta' l-esponenti hija nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-atturi huma debituri ta' l-esponenti, u ta' dan qieghda tigi intavolata kontro-talba kontestwalment;
>
> Illi minghajr pregudizzju l-inkarigu kien jirrigwarda kamra tal-banju wahda mhux tnejn;
>
> Illi ma huwiex minnu li x-xoghol redatt mill-esponenti ma kienx skond l-arti u s-sengha, u l-atturi arbitrarjament waqqfu lil esponenti mill-esekuzzjoni ta' l-istess xoghol;
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Fil-kontro-talba mressqa kontestwalment mat-talba taghhom (*a fol*. 19), il-konvenuti premettew hekk:

> Illi r-rikonvenzjonati konjuġi Spiteri huwa debituri fil-konfront tar-rikonvenzjonanti fl-ammont ta' Ewro 750, rapprezentanti xoghol ezegwit, skond l-annessa fattura immarkata bhala 'Dokument A'. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra r-rikonvenzjonanti.

L-atturi rikonvenzjonati ressqu Risposta ghall-Kontro-Talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti fit-12 ta' Novembru, 2018 (*a fol*. 22), fejn eccepew hekk:

> It-talba avvanzata mill-konvenuti rikonvenzjonanti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess in kwantu infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif sejjer jirrizulta ahjar tul it-trattazzjoni tal-kawza minn fejn ser jirrizulta inter alia li l-appalt kommissjonat mill-istanti ma twettaqx kif titlob l-arti u s-sengha. B'hekk, b'riserva shiha tal-jeddijiet tal-esponenti ebda ammont ma hu dovut lill-konvenuti rikonvenzjonanti.
>
> Bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2019 (*a fol*. 138) u fl-istess udjenza il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni wara li d-difensuri tal-partijiet gharrfu lit-Tribunal illi jghazlu li jistriehu fuq l-atti processwali bla htiega li jressqu sottomissjonijiet dwar il-kaz.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta' dan il-kaz jistghu jigu deskritti b'dan il-mod.

F'Jannar tas-sena 2018 l-atturi talbu lil Stephen Simiana sabiex jinghataw *quote* u *timeline* sabiex tinqala' l-kamra tal-banju li kellhom fir-residenza taghhom u jitqieghed madum u suffett gdid ghal Mejju ta' dik is-sena.[1] Fid-9 ta' Frar, 2018 il-konvenut Simiana kien ikkomunika ma' l-atturi u infurmahom illi l-prezz tax-xoghol kollu, bl-eskluzjoni tad-dwal u kantunieri tat-twieqi, kien ser ikun ta' €1,450.00c.[2] Fil-15 ta' Marzu l-atturi kienu accettaw din il-*quote,* informaw lill-istess Simiana li x-xoghol xtaqu li jsir fl-ewwel gimgha ta' Gunju u qalulu wkoll li kienu ser izidu kamra tal-banju ohra fix-xoghol li kienu qed jinkarigawh li jaghmel.[3] Fl-istess gurnata Simiana bghat lura jghidilhom "ok."[4] Fit-28 ta' Marzu, 2018 l-atturi kienu talbu lill-konvenut Simiana sabiex jaghtihom *updated quote* li tirrifletti l-prezz in relazzjoni mat-tieni kamra tal-banju.[5] Fuq talba tal-konvenut Simiana[6] l-atturi baghtu l-qisien ta' din il-kamra fl-10 ta' April, 2018.[7] Ma jidhirx illi qatt ircievew risposta minghand Simiana, u fis-7 ta' Mejju, 2018 kienu bghatu messagg sabiex jghidulu li jekk hu possibli x-xoghol seta' jibda' fil-21 ta' Mejju, 2018.[8] Meta eventwalment l-atturi irnexxielhom jaghmlu kuntatt mal-konvenut Simiana huwa informahom li ma kienx possibli li jahdmilhom f'Gunju kif kienu ftiehmu ghaliex kien indispost, u kien tahom in-numru tas-socji tieghu, Paul Mifsud u Jesmond Mifsud.[9]

Eventwalment, ix-xoghol beda' jsir fl-4 ta' Lulju, 2018 u sa gurnata wara l-konvenuti kienu lestew jaqilghu il-madum u s-suffetti ezistenti fiz-zewg kmamar tal-banju.[10] Matul dan iz-zmien l-attur kien mar joqghod mal-genituri tieghu u l-attrici marret toqghod ghand il-genituri taghha flimkien ma' ulied il-partijiet, peress illi r-residenza taghhom kienet tinsab minghajr kamra tal-banju.[11] Fl-10 ta' Lulju, 2018 il-konvenuti bdew iwahhlu l-madum mal-hajt ta' wahda mill-kmamar tal-

[1] Ara l-messagg mibghut bhala *reminder* fis-7 ta' Frar, 2018 (*a fol.* 34).
[2] Ara l-messagg mibghut fid-9 ta' Frar, 2018 (*a fol.* 35).
[3] Ara l-messagg mibghut fil-15 ta' Marzu, 2018 (*a fol.* 35).
[4] *Ibid.*
[5] Ara l-messagg mibghut fit-28 ta' Marzu, 2018 (*a fol.* 36).
[6] *Idem.*
[7] Ara l-messagg mibghut fl-10 ta' April, 2018 (*a fol.* 36).
[8] Ara l-messagg mibghut fis-7 ta' Mejju, 2018 (*a fol.* 36).
[9] Ara x-xhieda ta' Samuel Spiteri waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2019 (*a tergo* ta' *fol.* 24).
[10] *Ibid., a tergo* ta' *fol.* 25.
[11] *Ibid.*

banju, u wara li l-attur mar jispezzjona x-xoghol kien ikkomunika mal-konvenut Simiana biex jgharrfu illi x-xoghol ma kienx qed isir sew u li kellu jitranga u jsir ahjar.[12] Ix-xoghol tkompla fil-11 ta' Lulju, 2018 u dakinhar kienet marret tispezzjona x-xoghol l-attrici, li kienet sabet illi ma kienx hemm miljoramenti mill-gurnata ta' qabel.[13] Wara li ddiskutew il-kwistjoni flimkien, l-attur ikkomunika ma' Simiana u qallu sabiex imorru jigbru l-ghodda taghhom u jitilqu ghaliex ix-xoghol baqa' mhux isir sew.[14] Minn naha tieghu Simiana irrispondih "*Ok ty inti*" u qallu li kienu ser imorru ghall-ghodda l-ghada filghodu.[15] L-atturi ghalhekk inkarigaw terza persuna sabiex tirranga x-xoghol li kien twettaq u tispicca x-xoghol mehtieg li tathom parir li jaqilghu il-madum li kien twahhal mill-konvenuti bil-mod sabiex jipprovaw issalvawh.[16] Irrizulta però, wara li sar dan l-ezercizzju, illi ma kienx hemm bizzejjed madum ghall-hitan tal-kamra[17] u sussegwentement irrizulta wkoll illi wiehed mit-tipi ta' madum li kienu xtraw l-atturi ma kienx ghadu jigi prodott, filwaqt illi t-tip l-iehor kien ser ikun disponibbli f'Settembru,[18] li kien tard wisq ghall-atturi, u li ghalhekk kellhom jixtru madum differenti minn hanut iehor.[19]

F'dawn il-proceduri l-atturi qieghdin jitolbu ghalhekk is-somma ta' €2,041.00c, rapprezentanti in kwantu ghal €1,215.00c il-prezz li hallsu ghall-madum supplimentari li kellhom jakkwistaw[20] u in kwantu ghal €826.00c ghal dak li hallsu lil 'Together Turnkey Contractors Ltd' sabiex tnehha l-madum li wahhlu l-konvenuti.[21]

Minn naha taghhom – apparti illi qieghdin jikkontestaw l-allegazzjoni ta' l-atturi illi x-xoghol ma sarx skond kif tirrikjedi l-bwon arti u s-sengha – il-konvenuti ressqu wkoll talba rikonvenzjonali permezz ta' liema qieghdin jitolbu ghall-hlas tax-xoghol u spejjez in konnessjoni mat-tnehhija ta' madum u suffett u *sanitary ware* ezistenti fil-kmamar tal-banju ta' l-atturi f'ammont totali ta' €750.00c[22] Ma jirrizultax illi l-konvenuti qieghdin jippretendu xi hlas ghax-xoghol ta' twahhil ta' madum li lahqu wettqu jew ghall-ispejjez li lahqu inkorrew ghal dan il-ghan.

---

[12] *Ibid., a foll.* 26 u 27. Ara wkoll il-messagg ezebit *a fol.* 2.
[13] Ara x-xhieda ta' Matha Ann Spiteri waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu, 2019 (*a foll.* 68–70).
[14] Ara x-xhieda ta' Samuel Spiteri waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2019 (*a foll.* 27–28) u l-messagg esebit *a fol.* 76.
[15] *Ibid.*
[16] Ara x-xhieda ta' Samuel Spiteri waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2018 (*a fol.* 28).
[17] *Ibid., a tergo* ta' *fol.* 28 u *a fol.* 29.
[18] Ara l-email datata 14 ta' Jannar, 2019, immarkata bhala 'Dok. SS26' (*a fol.* 62).
[19] Ara x-xhieda ta' Samuel Spiteri waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2018 (*a fol.* 29) u l-fatturi u ricevuti (*a foll.* 57–60).
[20] Ara l-fatturi u r-ricevuti immarkati bhala 'Dok. SS24' (*a foll.* 57–60).
[21] Ara r-ricevuta fiskali immarkata bhala 'Dok. SS26' (*a fol.* 61).
[22] Ara l-fattura immarkata bhala 'Dok A' (*a fol.* 18).

Qabel kull approfondiment fil-fattispecji fattwali ta' dan il-kaz, it-Tribunal jehtieg jissenjala certu principji gwida ghal dan il-kaz, liema principji jiddefinixxu l-istanza attrici u kif ukoll id-difiza tal-konvenut.

Dan it-Tribunal kif presjedut diga' kellu l-okkazzjoni jesprimi, f'uhud mis-sentenzi tieghu, il-principji l-aktar pertinenti ghal sitwazzjonijiet bhal dawk in ezami, ossia meta hemm rabta t'appalt bejn kommittent (f'dan il-kaz l-atturi) u l-appaltatur (f'dan il-kaz il-konvenuti). Bhala ezemplari jissemmew id-decizjonijiet *in re* **Charles Seisun v. Joseph Vancell et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 2 ta' Lulju, 2018) u *in re* **Perit Charles Azzopardi et v. Brian Zarb Adami** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 13 ta' Jannar, 2020). Nonostanti l-fattezzi kienu diversi minn dawk tal-lum, jigu senjalati wkoll id-decizjonijiet li qed jinghataw illum minn dan it-Tribunal *in re* **Raymond Borg v. Vincent Vella et** (ref. nru. 12/2017); *in re* **Anthony Grech v. Joseph Spiteri** (ref. nru. 163/2017); u *in re* **Isaac Aquilina v. Carmen Zammit** (ref. nru. 572/2018) li lkoll jabbraccjaw l-istess tematika guridika.

Mill-insenjamenti riportati f'tali decizjonijiet, johorgu dawn il-principji li huma l-aktar attinenti ghall-kaz odjern:

**(a)** Huwa bil-wisq naturali li l-legam li jorbot lill-partijiet *de quo* hu avvolt fl-istitut ta' l-appalt li l-Kodici Civili jiklassifikah fix-xenarju ta' meta persuna tigi mqabbda ghal xi xoghol, fejn jigi "*miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal*" (*ex* Art. 1633). F'dan il-kaz, u bhala fatt, jinsab indiskuss li l-atturi kkummissjonaw u qabbdu lill-konvenuti biex dawn ta' l-ahhar, bl-adoperu ta' l-esperjenza taghhom fil-qasam, tal-proprji mezzi teknici u anke tas-servizzi professjonali taghhom, jezegwixxu obligazzjoni billi jintraprendu u jwettqu opra (i.e., bdil ta' kmamar tal-banju) a bazi ta' specifikazzjonijiet specifici rikjesti jew deziderati mill-atturi. L-atturi ma' talbux oggett komuni u *standard* mill-konvenuti, izda oggett b'individwalità propria, li kellu jigi progettat u mqieghed appozitament ghall-ezigenzi (u estetika) personali taghhom. Dan in-negozju interkorrenti bejn il-partijiet jersaq lejn l-appalt, li jista' jigi definit hekk: "*l'appalto è un contratto ad effetti non diciamo esclussivamente, ma certo prevalentemente obbligatori*" (**Domenico Rubino**, "L'Appalto", UTET 1958, 3ª edizione; §13, p. 20). Jizdied jinghad illi, "*la pincipale obbligazione dell'appaltatore è un'obbligazione di fare (l'opera o il servizio)*" li tiddistingwi ruhha minn dik tal-venditur fil-bejgh, fejn "*la principale obbligazione del venditore è una semplice obbligazione di consegnare (la cosa)*" (*ibid*., p. 21);

**(b)** in vena generali, il-vinkolu t'appalt ma jehtiegx il-forma skritta sabiex jezisti u jorbot lill-partijiet. Skond id-duttrina, "*A differenza degli appalti pubblici,*

*che rimangono soggetti a complessi requisiti di forma, sia per la conclusione del contratto che durante l'esecuzione, nulla dispone la legge circa la forma degli appalti privati. Quindi, applicando i principii generali, se ne ricava che di regola qui vige la libertá di forma, e il contratto d'appalto, anche nel caso di appalti a forfait, può essere concluso, oltre che per atto pubblico e per scrittura privata, anche oralmente* " (**DOMENICO RUBINO**, *op.cit.*, §44; p. 89). Insibu wkoll mghallem li, "*L'appalto è un contratto consensuale che si perfeziona, secondo le regole del diritto commune, nel momento in cui il proponente ha conoscenza dell'accettazione dell'altra parte. Il momento perfezionativo di un contratto dipende così normalmente dal raggiungimento di un completo accordo fra committente ed appaltatore, accordo che tocca non solo gli elementi essenziali, ma anche quelli secondari ed accessori, nonché tutte le modalitá di esecuzione. La conclusione dell'accordo può essere preceduta da trattative, nel corso delle quali il futuro appaltatore può predisporre dei «preventivi» ... Non è escluso, inoltre che il contratto d'appalto – qualora non sia richiesta una forma particolare – possa concludersi tacitamente attraverso l'inizio di esecuzione di una prestazione tipica* " (**RUBINO-IUDACA**, "Appalto", Zanichelli editori, 2007; p. 90);[23]

**(c)** ix-xena guridika domestika hi analoga ghal dik fuq imfissra. Il-Kodici Civili domestiku, senjatament fil-hdax id-disposizzjoni dwar l-istitut tal-appalt (Art. 1633–1643)[24], ma jitkellimx, *inter alia*, fuq il-forma illi ghandu jiehu l-kuntratt *de quo* sabiex jitnissel jew biex jigi perfezzjonat. L-Art. 1233(1) tal-Kodici Civili – li jelenka l-kuntratti li ghandhom jiehdu l-forma skritta – ma jannoverax il-kuntratt ta' appalt fl-elenku tassattiv tieghu. Ghalhekk, peress li *quod lex voluit, lex dixit*, japplikaw ir-regoli generali fuq riportati mid-duttrina estera.[25] Dawn il-precetti u

---

[23] Il-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana wkoll hadnet tali perspettivi dwar il-forma tal-kuntratt ta' appalt. Fil-kawza **Ferone *c.* Giordano** (*cass. civ.* 6 ta' Gunju, 2003; kaz nru. 9077) intqal li, "*La stipulazione del contratto di appalto non richiede quale requisite la forma scritta né ad substantiam né ad probationem*." L-istess kienet id-decizjoni fl-ismijiet **Nibali *c.* Giampietro** (*cass. civ.* 16 ta' Lulju, 1983; kaz nru. 4911). Dawn ir-referenzi huma mehuda mill-opra ta' **MAURO RUBINO-SAMMARTANO** intitolata "Appalti di Opere e Contratti di Servizzi" (CEDAM 2ª edizione, 2006; pp. 91–92).

[24] Kif esprimiet ruhha l-ewwel qorti *in re* **Joe Xerri et v. Caruana & Cini Company Limited et** (Appell Superjuri, 19 ta' April, 2012), il-ligi hi akwantu siekta dwar din it-tematika.

[25] Jigi mfakkar li fin-nuqqas ta' lluminazzjoni mil-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali esteru. Dan ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et vs. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubblikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle ed** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez.* Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez.* Vol.VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez.* Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*". Tali osservazzjonijiet tal-qrati taghna jista' jkun sehhew minhabba fatt ferm interessanti li mat-trapass taz-zmien, forsi, qed jintesa. Il-*Codice Municipale di Malta*, komunement maghruf bhala l-

normi gew abbraccjati mill-qrati taghna. Ezempju ta' dan hija s-sentenza preliminari *in re* **Victor Portelli v. Mark Psaila** (Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2003) fejn inghad illi, "*Il-ligi ma titlobx li ftehim ta' appalt irid ikun bil-miktub biex ikun jghodd*." Interessanti hija sentenza *in re* **George Sladden v. Lonza Agius** (Appell Superjuri, 7 ta' Lulju, 2006) fejn il-Qorti tenniet tghid – b'referenza ghas-sentenza **Nazzareno Vassallo noe v. Edward Maggi** (Appell Civili, 13 ta' Frar, 1997) – illi kien ikun deziderabbli li l-appalt konferit jigi ridott ghall-iskritt sabiex jigi evitat dizgwit dwar dak illi effettivament gie mifthiem bejn il-partijiet ghalih. Il-forma skritta mhux mehtiega *ad validitatem* ghall-perfezzjonament ta' kuntratt jew relazzjoni ta' appalt, ghax, wara kollox, "*il-lingwa parlata, in difett ta' xi disposizzjoni tal-ligi in kuntrarju, li ma hemmx f'dan il-kas, minn dejjem swiet u ghadha isservi ghal kontrattazzjoni ta' obbligazzjonijiet medjanti komunikazzjoni tal-hsieb bil-kliem, sew medjatament (e.g. b'xi interpreti, messaggier, mandatarju, medjatur, etc) kemm, bhal ma sar f'dan il-kas immedjatament, cioè bejn zewg kontraenti li jitkellmu direttament ma' xulxin, li hija l-forma libera tal-manifestazzjoni tal-kunsens skond id-dritt tan-natura, l-iktar forma spedita u semplici u anki generalment zgura.*" (**Maria armla Galea v. Harry Mallia**, Prim'Awla, 26 ta' Mejju, 1966; mhux pubblikata[26]). Madanakollu, il-forma skritta hi, lum-il gurnata, indubitatament dak il-metodu li jaghti dimensjoni certa u kristallina ta' dak li dwaru l-partijiet ikunu ftehmu u l-istipulazzjonijiet reciproci;[27]

---

*Code de Rohan*, promulgat fl-1784 mill-Gran Mastru de Rohan-Polduc, qatt ma gie legislittivament abbrogat bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, ossia l-Kodici Civili li illum jinsab katalogat fil-Kapitolu 16 tal-Legislazzjonijiet domestici (*vide* **Fortunata Azzopardi v. Capt. Salvatore Azzopardi**, Appell Civili, 11 ta' Gunju, 1875 – Decisione N° 346 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)–421; **Gentiluomo Filippo Zammit v. Michelina Pisani Demajo**, Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1875 – Decisione N° 334 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)–401 u l-istudju intitolat "Maltese Legal History Under British Rule (1801–1836)" ta' l-**ONOR. IMHALLEF HUGH W. HARDING** [Malta, 1980; p. 2 *et seqq*.]), jikkontjeni disposizzjoni ferm singolari. L-Artikolu XXXVII tal-*Codice Municipale di Malta* [disposizzjoni li hi misjuba taht Libro Primo «DE' TRIBUNALI COMPETENTI, MAGISTRATI, ED ALTRI OFFICIALI, E DE' PUBLICI OFFICJ», Capo Ottavo (VIII) intitolat «DEL TRIBUNALE COLLEGIATO E DELLA SUA EREZIONE E COMPETENZA»] jghid li l-gudikant ma jistax "*servirsi di veruna potestà arbitraria, quante volte non sarà regolata da quello che si dispone dalle leggi municipali, ed in loro difetto dalle leggi comuni, e ne'casi controversi e dubbi dalle* ***opinioni abbracciate ne' Supremi e piú accreditati tribunali***." [enfazi mizjuda]. L-ispirtu ta' l-Artikolu XXXVII jassomilja, xi ftit jew wisq, lill-Artikolu 12 fil-Kodici Civili Taljan (parti intitolata « DISPOSIZIONI SULLA LEGGE IN GENERALE », Art. 12, 2° comma), li jghid hekk: "*Se una controversia non può essere decisa con una precisa disposizione, si ha riguardo alle disposizioni che regolano casi simili o materie analoghe; se il caso rimane ancora dubbio, si decide secondo i princìpi generali dell'ordinamento giuridico dello Stato*.". F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara **BIAGIO ANDÒ**, "The Mélange of Innovation & Tradition in Maltese Law: The Essence of the Maltese Mix?" 2012; Vol. 15, N° 3 – disponibbli ukoll fuq il-*web*: http://www.saflii.org/za/journals/PER/2012/36.pdf).

[26] Fl-istess decizjoni nsibu ritenut li, "*Il-ligi eccezzjonalment biss, fil-kazijiet imsemmijia fl-artikolu 1277 u postijiet ohra mxerrdin 'l hawn u 'l hemm fil-Kodicijiet u ligijiet ohra ta' Malta, tirrikjedi l-iskrittura, u bhala regola generali ghadu validu l-principju antik li 'a man's word is his bond' ('promissio boni viri est obbligatio'), basta jkun hemm ir-rekwiziti essenzjali ghal kuntratti in generali u l-ohrajn li jistghu jkunu specjali ghall-kas.*"

[27] Addizzjonalment, fis-sentenza *in re* **Maria armla Galea v. Harry Mallia** (Prim'Awla, 26 ta' Mejju, 1966; mhux pubblikata) inghad li, "*Il-ligi eccezzjonalment biss, fil-kazijiet imsemmijia fl-artikolu 1277 u postijiet ohra mxerrdin 'l hawn u 'l hemm fil-Kodicijiet u ligijiet ohra ta' Malta, tirrikjedi l-iskrittura, u*

**(d)** fid-duttrina akkreditata in materia nsibu mghallem li, "*Per sintetizzare il contenuto dell'obbligazione di esguire l'opera, a priori e in linea generale, si può dire solo che l'appaltatore deve eseguire l'opera in conformitá delle condizioni stabilite nel contratto e secondo le regole dell'arte … Le regole dell'arte, invece, sono i criteri generali che la tecnica detta per quel dato genere di lavori … Esse quindi debbono essere osservate anche se nel contratto non siano state appositamente richiamate; se poi lo sono state, valgono a doppio titolo. Le regole dell'arte concernano non solo la sicurezza, la stabilitá e l'utilizzabilitá dell'opera, ma anche la forma e il lato estetico, nei casi e nei limiti in cui anche questi ultimi fattori vengono in considerazione*." (**DOMENICO RUBINO**, *op. cit.*, §116, pp. 193–194). Inoltre, "*l'appaltatore deve attenersi a quelle regole dell'arte che vigono nell'epoca in cui l'opera viene eseguita*" (**DOMENICO RUBINO**, *op. cit.*, §117, p. 195). F'din il-vina, il-Qrati taghna affermaw illi, "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacitá ordinaria*" (decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol.XXVII-I-373**). Dan fis-sens l-appaltatur "*ghandu jiggarantixxi l-bontá tax-xoghol tieghu*" (decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol.XL-I-485**);

**(e)** ghal dik li hija l-obbligazzjoni principali ta' l-appaltatur – u in kollegament ma' dak appena mfisser *supra* – din tista' tigi deskritta bhala wahda indivizibbli u teknika, ossia "*Indivisible perchè l'adempimento del contratto si ha solo in presenza di una esecuzione integrale dell'opera; tecnica perchè l'opera da eseguirsi deve, oltre che essere conforme alle prescrizione contrattuali, anche adeguarsi alle regole dell'arte*" (**GIUSEPPE MUSOLINO**, "La Responsabilitá dell'Appaltatore", Maggioli Editori 1997, 2ª edizione, p. 33). Dwar in-normattiva ta' "regola dell'arte" jinghad illi din timplika "*le cognizioni generali di una certa disciplina tecnica che, in relazione al genere di lavoro assunto, si suppone che l'appaltatore conosca. Tali regole non sono in sè e per sè anche norme giuridiche, ma lo diventano quando la legge rimanda ad esse, obbligando, come nel contratto de quo, alla loro osservanza … esse non vanno, comunque, intese in modo assoluto (con esclusivo riferimento ai criteri generali della tecnica) e con portata invariabile, dovendo, invece, adeguarsi alle esigenze e agli scope cui l'opera è destinata second la sua funzione tipica ed a quegli altri rizultati*

---

*bhala regola generali ghadu validu l-principju antik li 'a man's word is his bond' ('promissio boni viri est obbligatio'), basta jkun hemm ir-rekwiziti essenzjali ghal kuntratti in generali u l-ohrajn li jistghu jkunu specjali ghall-kas.*" Interessanti wkoll il-bran f'din is-sentenza li jaqra hekk: "*il-lingwa parlata, in difett ta' xi disposizzjoni tal-ligi in kuntrarju, li ma hemmx f'dan il-kas, minn dejjem swiet u ghadha isservi ghal kontrattazzjoni ta' obbligazzjonijiet medjanti komunikazzjoni tal-hsieb bil-kliem, sew medjatament (e.g. b'xi interpreti, messaggier, mandatarju, medjatur, etc) kemm, bhal ma sar f'dan il-kas immedjatament, cioè bejn zewg kontraenti li jitkellmu direttament ma' xulxin, li hija l-forma libera tal-manifestazzjoni tal-kunsens skond id-dritt tan-natura, l-iktar forma spedita u semplici u anki generalment zgura.*"

*menzionati o impliciti nel contratto come elementi rilevanti*" (**Giuseppe Musolino**, *op. cit.*, pp. 33–34). In aggjunta, "*nel concetto di esecuzione a regola d'arte non rientrano solo i criteri generali della tecnica per quell tipo di lavoro, ma anche quei pregi di estetica e di forma che sono stati presi in considerazione nel contratto o che si desumono dale finalitá cui normalmente l'opera serve*" (*ibidem* p. 34). F'dan ir-rigward, il-**Qorti ta' Kassazzjoni Civili** Taljana [*Cass*. *Civ*. 2 ta' Gunju, 1993; numru 6171 u *Cass*. *Civ.* 7 ta' Mejju, 1976; numru 1606] esprimiet ruhha hekk: "*Dal fatto che l'appalto ha per oggetto l'espletamento di un'attivitá da eseguire a regola d'arte con l'ausilio di regole tecniche, si trae anche il principio secondo cui l'esecuzione dei lavori non solo deve avvenire con l'osservanza della perizia che inerisce a ciascun campo di attivitá, ma pure l'impostazione dell'opera stessa, nella sua progettazione e nelle line direttrici generali, deve rispondere ad una funzionabilitá e utilizzabilitá tali da non renderla superflua*" (*cfr*. **Giuseppe Musolino**, p. 34; *footonote* nru. 20);

**(f)** ghal dak illi ghandu x'jaqsam mad-diligenza prestata mill-appaltatur fl-ezekuzzjoni ta' l-*opus* li hu jigi kkummissjonat iwettaq, din ghandha tkun ta' missier tajjeb tal-familja, figura guridika riskontrata fl-Artt. 1032(1) u 1132(1) tal-Kodici Civili. Madanakollu, tali diligenza, hi wahda kwalifikata stante illi mhux mistennija diligenza ta' persuna medja illi hi profana fl-espletament ta' l-appalt intrapriz. Dak li hu rikjest, izda, hija diligenza ta' appaltatur ordinarju u medju, li hu versat fil-qasam u xoghol in kwestjoni. Fi kliem iehor, fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni inerenti ghall-ezercizju ta' xi attività professjonali, id-diligenza trid tigi valutata b'rigward ghan-natura ta' l-attività ezercitata. Dan jinghad ghax, "*In realtá, il bonus paterfamilias esprime sì una media, però non assoluta ma relativa: cioè non designa la diligenza prestata dalla media di tutti gli uomini indistintamente, ma la diligenza prestata dalla media di quegli uomini che si trovino o che potrebbero trovarsi nella medesima situazione obiettiva concreta di quel determinato debitore e nelle medesime circostanze (ad esempio, la diligenza che in pratica sarebbe spiegata dalla media degli appaltatori che costruiscono una similie opera per quell determinato prezzo)*." (**Domenico Rubino**, *op. cit.*, §117, p. 195). U ghalhekk, ikompli dan l-awtur, "*non si può parlare di una perizia del buon padre di famiglia; ma si può sempre parlare di una perizia media, intendendo così quella che deve essere prestata da un appaltatore di capacitá media*." (*ibid.*, §118, p. 198). Addizzjonalment, "*la perizia che si può pretendere dall'appaltatore è anche in ragione dell'ammontare del prezzo: come è giusto che chi è piú bravo si faccia pagare di piú, così è giusto che chi paga molto abbia diritto di attendersi una proporzionata capacitá nel professionista, e viceversa*." (*ibid.*);

**(g)** min-naha l-ohra, l-obbligazzjoni tal-kommittent jidher illi hija principlament dik li jhallas lill-appaltatur ghall-*opus* maghmul. Madanakollu, f'dan l-ambitu, ghalkemm il-pagament hu l-essenza ta' l-obbligazzjoni tal-kommittent, f'tali obligazzjoni generika jidhlu sfumaturi t'obbligi ohra ancillari, specifici, necessarji u importanti. F'dan is-sens insibu affermat illi, "*varie altre obligazioni ha il committente, dirette a consentire all'appaltatore l'esecuzione dell'opera, quali la consegna dell'area sulla quale deve essere eseguita l'opera (destinata ad accogliere l'opera, macchinari, materiali, uffici, alloggi degli operai), e l'obbligo di ottenere gli eventuali consensi necessari per l'accesso dell'appaltatore al cantiere … Il committente dovrá altresì tutelare l'appaltatore da molestie o pretese di terzi relative al suolo consegnatogli. Da tali numerose obligazione si può astrarre un'obbligazione generale del committente di mettere l'appaltatore in grado di eseguire l'opera*" (**MAURO RUBINO-SAMMARTANO**, "Appalti di Opere e Contratti di Servizzi", CEDAM 2006, 2ª edizione; §21.4, p. 489). Fid-decizjoni fl-ismijiet «Robotti *contro* Societá Edilberton» (*Cass. Civ*. tat-22 ta' Mejju, 1998 numru 5112) intqal li, "*Tra le obbligazioni che scaturiscono come effetti naturali, del contratto di appalto, vi è qualla, gravante sulla parte committente, di assicurare all'appaltatore fin dall'inizio del rapporto, e per tutta la durata di questo, la possibilitá giuridica e concreta di eseguire il lavoro affidatogli*" (*cfr*. **RUBINO-SAMMARTANO**, *op cit*., p. 490) u f'dik fl-ismijiet «Societá Costruzioni Bartoletti *contro* Anas» (Coll. Arb. ta' l-10 ta' Gunju, 1994) fejn gie ritenut illi, "*Incombe in genere sul committente un dovere di cooperazione al buon andamento dell'appalto, che si esprime attraverso una diligente attivazione per la rimozione di qualsiasi impendimento che, ostacolando la reale disponibilitá dell'area di sedime, ingegneri ritardi e disorganizzazzione di cantiere*" (*ibid.*).

Tali sudetti principji u riflessjonijiet ghandhom jigu issa rimossi mill-isfera generali u astratta taghhom biex jigu applikati ghall-fattispecji partikolari u konkreti tal-vertenza odjerna.

L-atturi kienu inkarigaw lill-konvenuti sabiex jitnehha l-madum, suffett u *sanitary ware* ezistenti fiz-zewg kmamar tal-banju tal-proprjetà taghhom, u jinstallaw madum u suffett gdid. Filwaqt illi l-madum kien gie mixtri mill-atturi stess, il-materjal tax-xoghol kien gie supplit mill-konvenuti. Il-partijiet ma ghamlu l-ebda skrittura permezz ta' liema iddelinjaw l-obbligi rispettivi taghhom, izda jirrizulta li kien hemm qbil fir-rigward tal-prezz tax-xoghol kolli li kellu jsir f'wahda mill-kmamar tal-banju u d-data meta dan ix-xoghol kellu jibda', ghalkemm mill-atti jirrizulta illi x-xoghol kien beda' jigi esegwit cirka xahar aktar tard. Minkejja dan in-nuqqas tal-partijiet illi jirriducu fil-forma skritta l-ftehim taghhom, jibqa' obbligu tal-konvenuti *qua* appaltaturi illi jwettqu x-xoghol tajjeb u skond is-sengha u l-arti, u hija mplicita fil-ftehim tal-partijiet il-garanzija ta' bonta tax-xoghol favur l-atturi.

Huwa accettat fil-gurisprudenza illi fejn l-appaltatur jaghmel xoghol hazin dan huwa meqjus bhala inadempjiment tal-obbligi kontrattwali tieghu li jkollu jirrispondi ghalih jew bl-eliminazzjoni tad-difetti jew bil-hlas tad-danni skond il-kaz. Hekk per ezempju, fis-sentenza *in re* **Piere Darmanin v. Moira Agius et** (Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2004) gie deciz illi: "*(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485). (2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*"

Fuq l-istess linja ta' hsieb, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Ignazia Degabriele v. George Calleja et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2004) illi "*Hu maghruf illi fil-kaz ta' inadempiment tal-kuntratt ta' appalt, inkluz f'dan it-terminu n-nuqqas ta' ezekuzzjoni tajba tax-xoghlijiet, ma huwiex eskluz l-applikazzjoni tal-principji generali fil-kaz ta' inadempjenza kontrattwali. Dawn, infatti, jibqghu applikabbli meta ma jirrikorrux il-presupposti tad-disposizzjonijiet specjali, senjatament ir-rizoluzzjoni u l-hall tal-kuntratt, ex-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili. Hekk allura r-responsabilità ta' l-appaltatur tibqa' tissussisti fejn dan per ezempju jonqos li jikkompleta l-opra affidata lilu jew f'kaz ta' dewmien fl-ezekuzzjoni jew ikun naqas mill-obbligazzjoni tieghu li jezegwixxi u jikkonsenja l-opra appaltata skond ir-regoli ta' l-arti u s-sengha, u x-xoghlijiet jirrizultaw karenti u difettuzi. F' cirkostanzi bhal dawn l-kommittent ghandu d-dritt, ex Artikolu 1069 (1) tal-Kapitolu 16, li jaghzel li jgieghel lill-appaltatur jezegwixxi in forma specifika l-appalt u jaghmel ix-xoghlijiet rimedjali, kif ukoll li jinsisti ghad-danni [Artikolu 1069 (2) Kodici Civili]. Kif deciz mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (1 ta' Marzu 1995, Numru 2346; Roberto Triola "Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza", Tieni Edizzjoni, 2002), "nel contratto di appalto, il committente, che lamenti difformita` o difetti dell' opera, puo` richiedere che la difformita` o i difetti siano eliminabili a spese dell' appaltatore mediante condanna da esiguirsi nelle forme previste dall' art 2931 codice civile (korrispondenti ghallArtikolu 1127 tal-Kodici Civili taghna) oppure che il prezzo sia ridotto (Ara f' dan is-sens Kollez. Vol. XXX P III p 433) e, in aggunta o in alternativa, che gli venga risarcito il danno*

*derivante dalle difformita` o dai vizi. Tale domanda risarcitoria non si identifica con quella diretta all' attribuzione del risarcimento per equivalente che il committente proponga in subordine alla mancata esecuzione specifica della condanna all' eliminazione delle difformita` o dei vizi: la prima, infatti, che postila la colpa dell' appaltatore, e` utilizzabile per il ristoro del pregiudizio che non sia eliminabile mediante un nuovo intervenuto dell' appaltatore (come nel caso di danni a persone o a cose, o di spese di rifacimento che il committente abbia provveduto di fare eseguire direttamente); la seconda, che prescinde dalla colpa dell' appaltatore tenuto comunque alla garanzia, tende a conseguire un 'minus' rispetto alla reintegrazione in forma specifica, della quale rappresenta il sostitutivo legale, mediante la prestazione della 'eadem res debita', sicche deve ritenersi ricompresa, anche se non esplicitata, nella domanda di eliminazione delle difformita` o dei vizi.*"[28]

Rigward l-argument tal-konvenuti li kienu lesti li jsewwu dawn id-difetti huma nnifishom, it-Tribunal jibda' billi jirrileva illi dan l-argument ma tqajjimx formalment bhala eccezzjoni mill-konvenuti u ghalhekk it-Tribunal jista' jieqaf hawn f'dan ir-rigward.[29] Però, galadarba l-atturi qieghdin jitolbu d-danni sofferti minnhom sabiex jaghmlu tajjeb ghad-difetti riskontrati minnhom, it-Tribunal iqis li tibqa' relevanti l-kwistjoni dwar jekk il-konvenuti intalbux illi jirrimedjaw id-difetti riskontrati mill-atturi. Dan ghaliex, kif intqal fis-sentenza **Raphael Micallef v. Anthony Agius** (Prim'Awla, 9 ta' Gunju, 2004) «*Skond id-duttrina u l-gurisprudenza prevalenti, il-kommittent li jrid jelimina d-difetti a spejjez ta' l-appaltatur tieghu ghandu qabel xejn jirrivolgi ruhu lil dan, u fl-event li dan jibqa' passiv jew ma jintlahaqx qbil, il-kommittent jista' jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tad-difetti minghajr il-htiega ta' konferma gudizzjali ta' l-inadempiment u tal-konsegwenti kundanna ta' l-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika. Il-premess hsieb dottrinali jsib riskontru fl-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili taghna applikabbli ghal kaz fejn wiehed jonqos li jadempixxi obbligazzjoni di fare. Adempiment li jippresupponi wkoll li l-obbligazzjoni giet sewwa ezegwita, anke ghaliex, kif saput, "l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi mplicita." (Kollez. Vol. XL P I p 485); L-artikolu taht kumment jipprovdi in effetti illi "fil-kaz li ma tigix ezegwita obbligazzjoni li biha wiehed intrabat li jaghmel xi haga, il-kreditur jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb jezegwiha huwa nnifsu bi spejjez tad-debitur." Korrettement interpretat, "il-kreditur ta' obbligazzjoni 'di fare' ma hux obbligat f'kaz ta' inadempjenza tad-*

[28] Ara wkoll **Piere Darmanin v. Moira Agius et** *supra*: "*Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' lobbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).*"

[29] F'dan ir-rigward ara, dejjem fejn rilevanti, il-linja ta' hsieb deskritta fis-sentenza moghtija llum minn dan it-Tribunal *in re* **Dottor Jean Karl Soler v. Ministru ghas-Sahha** (ref. nru. 119/2018).

*debitur, li jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jezegwixxi huwa stess l-obbligazzjoni bi spejjez tad-debitur." (Kollez. Vol. XXXIV P III p 809); Naturalment il-precitat dispost tal-ligi jrid jinqara unitament ma' l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16, li hu generali u komprensiv ta' kwalsiasi obbligazzjoni: "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni." Danni dawn li fil-kaz partikolari jridu jkunu fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessarja ghall-eliminazzjoni tad-difetti*".»

Mill-atti jirrizulta, u huwa indiskuss, illi l-atturi kienu gabu a konjizzjoni tal-konvenuti illi x-xoghol ma kienx qed isir sew u li kien inaccettabbli mal-ewwel gurnata stess illi l-konvenuti bdew iwahhlu l-madum fil-proprjetà taghhom. L-ewwel ma kien gie informat kien il-konvenut Simiana, u dakinhar ma kienx innega li x-xoghol kien jidher difettuz u anzi qal illi kien ser jinforma lil Jesmond Mifsud u lil Paul Mifsud dwar dan.[30] Jirrizulta li dan kien effettivament gie a konjizzjoni ta' Jesmond Mifsud u Paul Mifsud,[31] u anke z-zewg atturi kienu personalment talbuhom sabiex jirrimedjaw id-difetti riskontrati u jahdmu ahjar. [32] Jidher però illi l-atturi inghataw risposta konfliggenti ghaliex filwaqt illi l-konvenut Simiana ma nnegax ma' l-atturi li x-xoghol kellu jsir ahjar, Jesmond Mifsud kien qal lill-attrici li ma kienx hemm difetti u li huma dejjem hekk hadmu x-xoghol.[33] Fix-xhieda taghhom quddiem dan it-Tribunal imbaghad il-konvenuti kollha innegaw illi x-xoghol kien difettuz u illi dak li gew murija fir-ritratti ma kienux difetti ghaliex kienu jinhbew meta jigi applikat il-*grouting*.[34]

Barra minn hekk, minkejja illi ingibditilhom l-attenzjoni li x-xoghol li kien qed isir ma kienx approvat mill-atturi, minflok ma bdew jirrimedjaw dan qabdu hajt iehor u hadmu bl-istess mod li kien hadmu l-hitan l-ohra,[35] b'mod illi l-atturi ma setghux ikunu certi li l-konvenuti verament kienu lesti li jirrimedjaw ix-xoghol li huma kienu qed jilmentaw dwaru. Fil-fehma tat-Tribunal dan huwa prova illi l-konvenuti ma kienux lesti illi jirrimedjaw id-difetti prezenti fit-tqieghid tal-madum fi zmien ragonevoli, u dan ghalhekk johloq l-obbligu ghall-hlas tad-danni sofferti mill-atturi li kellhom jiehdu hsieb huma li jesegwixxu l-obbligu *di fare*.

It-Tribunal iqis illi jekk kien hemm xi difett fit-tqeghid tal-madum, l-atturi ma kienux mistennija li jistennew sakemm il-madum jitwahhal kollu qabel ma jigu rimedjati

[30] Ara l-messaggi skambjati a *foll.* 5–7.
[31] Ara x-xhieda ta' Paul Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol.* 104).
[32] Ara l-messaggi *a fol.* 2 u x-xhieda ta' Martha Spiteri waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu, 2019 (*a foll.* 67–69).
[33] Ara x-xhieda ta' Paul Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol.* 105).
[34] Ara x-xhieda ta' Stephen Simiana waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju, 2019 (*a foll.* 94–95); ix-xhieda ta' Paul Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019; u x-xhieda ta' Jesmond Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol.* 128) fis-sens illi x-xoghol ghalih "*kien jghaddi*."
[35] Ara x-xhieda ta' Jesmond Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol.* 129).

d-difetti ilmentati minnhom, peress illi dan naturalment kien jimplika li l-madum ikollu jinqala' kollu, b'riskju kbir li ammont minnu jinkiser u ma jkunx jista' jerga' jintuza, apparti l-hin zejjed involut li mill-provi jirrizulta li ma kienx oggettivament accettabbli ghall-atturi li ma setghux jirrisjedu f'darhom peress li kienu qed isehhu l-imsemmija xoghlijiet.

Detto dan, it-Tribunal josserva illi mhux kwalunkwe difett fix-xoghol ta' l-appaltatur jaghti lok ghall-obbligu tal-hlas tad-danni ghaliex, skond il-gurisprudenza, difetti mhux essenzjali jew sostanzjali, jew difetti illi huma facilment riparabbli m'humiex bizzejjed biex jirradikaw ir-responsabilità tal-appaltatur ghad-danni. Dan jinsab konfermat fis-sentenza *in re* **Piere Darmanin v. Moira Agius et,** citata *supra*, fejn gie spjegat hekk*:* "*(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-rresponsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr … …" (Kollez. Vol XLII pII p699). (2) Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk iddifetti jigu riparati (Kollez. Vol XXX pIII p433), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("John Bonnici pro et noe -vs- Anthony Sammut", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994); (3) "A contrario sensu meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol" – ("Victor Tabone -vs- Felix Mifsud", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994)*."  F'dan is-sens ara wkoll *in re* **Pinu Attard vs. Kunsill Lokali Fontana** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Inferjuri, 17 ta' April, 2008), fejn inghad li meta x-xoghol hu affett minn difett sostanzjali, l-appaltatur mhux biss jitqies inadempjenti izda sahansitra hu ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-esekuzzjoni tax-xoghol.

It-Tribunal iqis illi x-xhieda tal-konvenuti illi x-xoghol li sar minnhom ma kienx difettuz m'hijiex kredibbli, u wara li ra l-provi kollha prodotti f'dawn il-proceduri iqis illi t-tezi attrici li x-xoghol ta' tqeghid ta' madum ma sarx skond l-arti u s-sengha hija kredibbli u tirrizulta pruvata. Dan ghas-segwenti motivi:

**(i)** Ghalkemm il-konvenuti xehdu illi x-xoghol ma kienx difettuz, kollha kwalifikaw dan billi qalu illi fejn il-fili ma qablux dan ma kienx difett ghaliex kien ser jitghatta bil-*grouting.* Naturalment però, jekk ma jezistiz difett ma

jkunx hemm il-htiega li jigi mohbi. Apparti hekk, ghandu jkun mistenni li l-fili ikunu jaqblu u mhux, kif sostnew il-konvenuti, li dawn ma jaqblux ma' xulxin. Ghalhekk, din il-linja ta' spjegazzjoni tal-konvenuti aktar taghti sostenn il-verzjoni attrici illi x-xoghol li sar kien difettuz milli l-verzjoni konvenuta li ma kien hemm l-ebda difett;

**(ii)** Meta gie muri fotografiji dwar il-fili li ma kienux jaqblu, waqt id-deposizzjoni tieghu Paul Mifsud allega illi kienet il-maduma li kienet difettuza.[36] Però meta gie mistoqsi jekk huwa jwahhalx maduma minkejja li jara difett wiegeb li dan ma jaghmlux u meta gie mistoqsi allura ghalfejn kien wahhal dik il-maduma xorta wahda, minkejja li skond hu kienet difettuza, wiegeb "*Ghax ghalija mhux difett dak.*"[37] Appaltatur ta' sengha u mghoni bi grad ta' diligenza f'xogholu kien jirrifjuta illi jinstalla u jwehhel oggett li fil-fehma tieghu kien hazin. Huwa maghllem illi jekk l-artefici kien jaf ukoll li x-xoghol kien kontra s-sengha jew li l-materjal kien difettuz, hu ma kienx imissu ghamel dak ix-xoghol. "*Kien ikun ahjar ghalih li f'kaz bhal dan ma jaghmelx ix-xoghol ghax inkella jkollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem*" (**Mario Blackman v. Carmelo Farrugia et noe**, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu, 1972; mhux pubblikata). Ara wkoll, *in re* **Tal-Francis Construction Limited et v. Angelo Zarb** (Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 2008) u *in re* **Anthony Borg noe v. Martin Pillow noe** (Appell Inferjuri, 10 ta' Ottubru, 2008);

**(iii)** Meta gie muri r-ritratt li juri l-invell bhala prova li l-madum ma giex imqieghed dritt, Jesmond Mifsud innega li dan ir-ritratt juri xi difett ghaliex skond hu, huwa l-invell li huwa difettuz ghaliex kellhom invell miksur li seta' jintuza biss ghall-mindud.[38] Però, hadd aktar mix-xhieda l-ohra ma semmew illi dan l-invell kien difettuz, minkejja l-fatt li dan l-invell huwa proprjetà tal-konvenuti stess. Anke kieku kellu jigi accettat li dan l-invell kien difettuz, dan ix-xhud ma kienx kapaci jeskludi b'certezza li Stephen Simiana u Paul Mifsud kien jafu li dan l-invell ma setghax jintuza ghall-vertikali u li ma kienux uzaw lilu biex jaraw li l-madum kien qieghed jigi installat b'mod tajjeb.[39] Naturalment, huwa obbligu tal-konvenuti illi jizguraw illi ghandhom l-ghodda idoneja sabiex jesegwixxu x-xoghol sew. Jekk l-ghodda uzata mill-appaltatur ma kinitx idoneja ghax-xoghol intrapriz jew kienet mal-funzjonanti jew inkella difettuza, certament dan ma jawgurax tajjeb fuq id-dilgenza mistennija minnu fl-ezekuzzjoni ta' xogholu.

[36] Ara x-xhieda ta' Paul Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol.* 112).
[37] *Ibid.,* (*a foll.* 112–113).
[38] Ara x-xhieda ta' Jesmond Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a foll.* 126–128).
[39] *Ibid.*

Inoltre, kif diga' senjalat aktar kmieni, ir-regoli ta' l-arti u tas-sengha ma jservux biss biex jigi determinat jekk ix-xoghol giex sewwa ezegwit ghall-iskop li ghalih l-opra kienet intiza, izda l-istess regoli huma metru siewi biex ikun accertat ukoll il-bonta, o meno, tal-materjal uzat. Dan peress illi l-ezekuzzjoni tax-xohgol tinvolvi anke l-ghazla tal-materjali u l-appaltatur ma ghandux jadopera materjali mhux tajba (**Rebecca Aquilina v. Giuseppe Sciortino et**, Appell Kummercjali, 5 ta' Dicembru, 1955). Jekk dan huwa applikabbli ghall-materjal, aktar u aktar huwa applikabbli ghall-ghodda li l-appaltatur jutilizza ghat-twettieq tal-*opus*;

**(iv)** Minkejja li Jesmond Mifsud u Paul Mifsud innegaw li x-xoghol kien difettuz, kien hemm certu punt fix-xhieda taghhom fejn filfatt ammettew li kien hemm difetti fix-xoghol u dan kif jidher mix-xhieda ta' Paul Mifsud li ammetta li r-ritratti esebit *a fol.* 35 juri difett fit-tqieghid tal-madum, u li dan id-difett huwa wkoll prezenti fir-ritratt *a fol.* 55, filwaqt illi Jesmond Mifsud ukoll qabel illi almenu wiehed minn dawn ir-ritratti juri difett fit-tqeghid tal-madum.[40] L-istess Mifsud qabel illi jekk ikun hemm difett fit-tqeghid tal-madum ta' isfel id-difett aktar ikompli johrog aktar ma titla' 'l fuq.[41] Barra minn hekk, Jesmond Mifsud *ex admissis* qal illi kieku kien hu s-sid "*Nghidlu li hemmhekk huwa wiesgha u intigh cans li jaqilghu*"[42] li hija ammissjoni implicita li x-xoghol kien sar hazin u li kellu jinqala' biex jitranga;

**(v)** Il-konvenut Paul Mifsud ikkonferma li l-madum ma kienx ser jiccaqlaq mill-posizzjoni li hija murija fir-ritratti.[43] Ghalhekk huwa inverosimili li x-xoghol kien ser jidher li hu tajjeb meta jitlesta kollu kif kienu qed isostnu l-konvenuti, specjalment ikkonsidrat illi, kif appena ntqal, aktar ma kien ser jitwahhal madum aktar kien ser jispikka d-difett fit-tqeghid tieghu;

**(vi)** It-Tribunal josserva wkoll illi meta l-atturi inizjalment urew ritratti lill-konvenut Simiana tax-xoghol li kien sar fl-ewwel gurnata u lmentaw dwaru, l-istess Simiana bl-ebda mod ma nnega li x-xoghol kien qieghed isir hazin u anzi qalilhom illi kien ser jghaddi l-ilment taghhom lil Jesmond Mifsud u Paul Mifsud. Anke meta l-atturi kienu itterminaw l-appalt minhabba li x-xoghol baqa' jsir hazing, hu fl-ebda hin ma pprova jiggustifika l-mod kif kien qieghed isir ix-xoghol jew jinnega li kien qieghed isir hazin. Kien biss

[40] Ara x-xhieda ta' Paul Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol.* 112) u x-xhieda ta' Jesmond Mifsud waqt l-istess seduta (*a fol.* 131).
[41] Ara x-xhieda ta' Paul Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a foll.* 114–115).
[42] Ara x-xhieda ta' Jesmond Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol.* 131).
[43] Ara x-xhieda ta' Jesmond Mifsud waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol.* 120).

waqt dawn il-proceduri li beda' jsostni li x-xoghol ta' tqeghid ta' madum kien qed jitwettaq tajjeb;

**(vii)** Mir-ritratti esebiti mill-atturi huwa car illi l-madum ma kienx qieghed jigi mwahhal sew. Dawn ir-ritratti juru illi l-fili ma jaqblux u m'humiex dritti u b'mod partikolari il-madum imwahhal mal-kantuniera tal-hitan juri difett ferm visibli fit-twahhil (ara *a foll.* 46, 53 u 55). Fid-dawl tax-xhieda tal-konvenut Paul Mifsud (ara *supra* wkoll), dan id-difett kien ser ikompli jidher aktar aktar ma jitkompla jitwahhal madum aktar 'il fuq, u ghalhekk huwa manifest illi dan id-difett seta' biss jitranga billi jigi maqlugh il-madum u jerga' jitwahhal nwovament. F'dan ir-rigward, u ghalkemm it-Tribunal huwa sprovvist minn rapport tekniku (*ex parte* jew le) dwar tali anomaliji, ghandu jkun hemm certu kanoni ta' estetika li ghandhom ikunu oggettivi f'ghajnejn kulhadd. Tali kanoni ma jezistux f'dan il-kaz![44]

Ikkonsidrat dan kollu it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-difetti fix-xoghol ta' twahhil ta' madum maghmul mill-konvenuti fil-proprjetà ta' l-atturi huma sostanzjali u, ghalhekk, l-atturi ghandhom dritt ghar-rizarciment ta' l-ispejjez inkorsi minnhom sabiex jeliminaw dawn id-difetti.

Id-danni mitluba mill-atturi f'dawn il-proceduri ikopru l-ispejjez imgarrba minnhom sabiex jinqala' l-madum li kien twahhal mill-konvenuti u sabiex jinxtara madum iehor. Mix-xhieda mhux kontradetta ta' l-atturi jirrizulta illi fuq parir tal-kuntrattur gdid li huma qabdu, il-madum li kien diga' twahhal inqala' wiehed wiehed biex kemm jista' jkun jigi salvat biex ikun jista' jerga' jigi utilizzat. It-Tribunal iqis illi dan l-ezercizzju kien wiehed ragonevoli ikkunsidrat li kien immirat sabiex jiminimizza d-danni, u ghalhekk is-somma ta' €826.00c imhallsa minnhom lil 'Together Turnkey Contractors Ltd'[45] ghal dan ix-xoghol ghandha tigi rifuza lilhom mill-konvenuti.

Mix-xhieda wkoll mhux kontradetta ta' l-atturi jirrizulta illi minkejja dan l-ezercizzju, numru sostanzjali tal-madum li kien twahhal ma setghax jerga' jintuza ghaliex it-trufijiet tieghu kienu mikula bic-*chaser* u ghalhekk ma kienux dritti, b'konsegwenza illi l-atturi ma kellhomx bizzejjed madum rimanenti u kellhom jixtru madum gdid ghall-hajt. Jirrizulta wkoll illi ma kienx possibli ghalihom li jergghu jixtru l-istess identiku madum biex ikomplu ma' dak li ma kienx ghadu intuza ghaliex wiehed mil-kuluri li kellhom ma kienx baqa' jigi prodott filwaqt illi l-iehor kien ser ikun disponibbli f'Settembru u ma kienx possibli ghall-atturi li jdumu

[44] Wiehed huwa mistieden jara d-decizjoni moghtija tal-lum *in re* **Isaac Aquilina v. Carmen Zammit** (ref. nru. 572/2018) fejn din titkellem dwar it-tematika ta' kanoni estetici ta' natura oggettiva.
[45] Ara r-ricevuta fiskali immarkata bhala 'Dok. SS25' (*a fol.* 61).

jistennew daqshekk sabiex jitlestew il-kmamar tal-banju.[46] Ghalhekk il-madum kollu tal-hajt kellu jinxtara mill-gdid, bi spiza ta' €1,125.00c.[47] It-Tribunal iqis it-talba attrici ghar-rifuzjoni din is-somma hija wkoll ragonevoli, ikkonsidrat illi din hija wkoll spiza li kellha necessarjament tigi inkorsa mill-atturi sabiex jeliminaw id-difetti fix-xoghol tal-konvenuti.

Ghalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha interament.

L-attenzjoni issa ddur lejn id-domanda rikonvenzjonali tal-konvenuti.

Fir-rigward tal-kontro-talba, it-Tribunal ra illi l-konvenuti qieghdin jezigu hlas ghax-xoghol maghmul minnhom sabiex inehhu l-madum, suffett u *sanitary ware* li kien hemm fil-kmamar tal-banju ta' l-atturi. M'huwiex kontestat mill-atturi illi dan ix-xoghol filfatt sar, u l-unika ilment taghhom huwa fis-sens illi l-konvenuti kisru tieqa waqt li kienu qieghdin jaghmlu dan ix-xoghol, ghalkemm ma tressqet l-ebda prova quddiem dan it-Tribunal dwar kwalunkwe spiza inkorsa mill-atturi rikonvenzjonati sabiex isewwu jew jirrimpjazzaw din it-tieqa.

Ghalkemm l-atturi rikonvenzjonati eccepew illi x-xoghol li sar mill-konvenuti ma kienx sar skond is-sengha u l-arti, mix-xhieda taghhom huwa ferm evidenti illi dan l-ilment huwa dirett u immirat lejn it-tqeghid tal-madum, u mhux dwar it-tnehhija ta' dak ezistenti. Ikkonsidrat ghallhekk illi dan ix-xoghol effettivament sar mill-konvenuti it-Tribunal iqis illi t-talba taghhom li jigu kkumpensati ghal tali xoghol ghandha tigi akkolta.

Madanakollu, minhabba l-inadempjenza murija f'din il-grajja hekk kif dettaljatament deskritt fil-kunsiderazzjonijiet dwar it-talba principali, il-kumpens dovut lill-konvenuti rikonvenzjonanti ghandu jkun fl-ammont ta' €500.00c (u mhux ta' €750.00c kif minnhom mitlub). Tali diminuzzjoni, fil-fehma tat-Tribunal (animat b'ekwità u fuq bazi ta' *arbitrio boni viri*), ghandha sservi zewg ghanijiet: wahda li xorta wahda jigi rikonoxxut il-fatt illi l-konvenuti ghandhom jithallsu ta' xoghol minnhom inwettaq u dan abbazi tal-principju "omnia labor optat premium"[48] u kif ukoll ghandha sservi ta' rimproveru, ossia canfira, ghal dak li eventwalment sehh

[46] Ara l-*email* immarkat bhala 'Dok. SS26' (*a fol.* 62).
[47] Ara r-ricevuta a *fol.* 58.
[48] Li tfisser illi x-xoghol prestat ghandu jigi rikompensat ("ogni fatica merita ricompensa"). Infatti, jinsab maghruf illi, "*Ma jista' qatt ikun dubitat in linea ta' prinċipju illi sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għall-vantaġġ ta' ħaddieħor, hu intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi omnia labor optat premium.*" (**Nicky Saliba v. Kunsill Lokali Nadur**, Appell Superjuri, 2 ta' Marzu, 2010). Ghal kull bwon fini, ara wkoll *in re* **Ann Downer v. Sue Caruana** (Prim'Awla, 26 ta' Novembru, 2018).

fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt lilhom moghti u dan sabiex fil-futur huma, jew min minnhom, jiehdu dejjem hsieb li l-prestazzjoni taghhom tkun interament, mill-bidu sal-ahhar ideoneja ghac-cirkostanzi (u mhux parzjalment tajba, u parzjalment deficjenti).

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi:

**1.** Dwar it-talba principali, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, qed jilqa' t-talbiet ta' l-atturi u jordna lill-konvenuti, *in solidum*, ihallsu lill-istess atturi s-somma ta' elfejn u wiehed u erbghin ewro (€2,041.00c) bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena dekoribbli mid-data tan-notifika tal-prezenti proceduri (cioè, mit-13 ta' Ottubru, 2018)[49] sad-data tal-pagament finali u effettiv;

**2.** Dwar it-talba rikonvenzjonali, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-atturi rikonvenzjonati, qed jilqa' l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, u jordna lill-atturi, *in solidum*, ihallsu lill-konvenuti rikonvenzjonanti s-somma ta' hames mitt ewro (€500.00c), bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena dekoribbli fuq tali ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament finali u effettiv.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta mat-talba principali ghandhom jithallsu esklussivament mill-konvenuti lill-atturi, filwaqt illi l-ispejjez gudizzjarji marbuta mat-talba rikonvenzjonali ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

[49] Ara a *tergo* ta' *fol.* 16.